2026/1757

27.7.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1757

tal-20 ta' Lulju 2026

li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rapportar tal-fergħat ta' pajjiżi terzi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 48l(1), ir-raba' subparagrafu, tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2024/1619 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) emendat id-Direttiva 2013/36/UE biex, fost l-oħrajn, fit-Titolu VI ta' dik id-Direttiva tintroduċi reġim ġdid għall-istabbiliment, għar-regolamentazzjoni u għas-superviżjoni ta' fergħat ta' pajjiżi terzi fl-Unjoni. Dak ir-reġim jistabbilixxi setgħat superviżorji għall-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-fergħat ta' pajjiżi terzi. Bħala parti minn dak ir-reġim, u għall-fini tat-tfassil tal-użu tas-setgħat superviżorji għal fergħat ta' pajjiżi terzi, jenħtieġ li l-ispeċifikazzjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi riċevuta mill-awtoritajiet kompetenti tkun ibbażata fuq qafas ta' rapportar superviżorju komuni, li jiffaċilita s-superviżjoni effettiva tal-konformità tal-fergħat ta' pajjiżi terzi mar-rekwiżiti prudenzjali u superviżorji applikabbli.

(2) F'konformità mal-Artikolu 48l(1), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2013/36/UE, ir-rekwiżiti ta' rapportar għandhom ikunu proporzjonati mal-klassifikazzjoni tal-fergħat ta' pajjiżi terzi bħala tal-Klassi 1 jew tal-Klassi 2. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu żviluppati żewġ settijiet ta' mudelli, wieħed għal kull klassi, f'konformità ma' approċċ li bih il-fergħat ta' pajjiżi terzi tal-Klassi 1, li jitqiesu aktar riskjużi, ikunu mistennija jirrapportaw informazzjoni aktar dettaljata minn tal-Klassi 2.

(3) Sabiex jiġi żgurat sett ta' prattiki superviżorji komuni fir-rigward tal-fergħat ta' pajjiżi terzi, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati wkoll id-dati ta' referenza tar-rapportar u d-dati ta' rimessa tar-rapportar, kif ukoll l-istandards kontabilistiċi applikabbli għas-sottomissjonijiet tar-rapportar mill-fergħat ta' pajjiżi terzi. L-Artikolu 48l(1) tad-Direttiva 2013/36/UE introduċa rekwiżit biex l-EBA tiżviluppa soluzzjonijiet tal-IT, inklużi mudelli ta' rapportar u struzzjonijiet, li għandhom jintużaw mill-fergħat ta' pajjiżi terzi għall-konformità mal-obbligi ta' rapportar stabbiliti fl-Artikolu 48k ta' dik id-Direttiva. Għaldaqstant, il-punti tad-data u l-informazzjoni li jridu jiġu rrapportati mill-fergħat ta' pajjiżi terzi u li jridu jiġu inklużi mill-EBA fis-soluzzjonijiet tal-IT kkonċernati jenħtieġ li jiġu speċifikati b'ċarezza suffiċjenti. Sabiex l-EBA tkun tista' tiżviluppa soluzzjonijiet tal-IT xierqa, dawk il-formati uniformi ta' rapportar jenħtieġ li ma jkunux vinkolanti fir-rigward tal-istruttura tagħhom u r-rappreżentanza tagħhom, peress li l-EBA jenħtieġ li ma tkunx marbuta li tirreplika r-rappreżentazzjoni grafika u l-istruttura tabulari stabbiliti fl-anness. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-EBA tkun tista' titbiegħed mir-rappreżentazzjoni grafika u l-istruttura tabulari tal-mudelli ta' rapportar sakemm il-punti tad-data u l-informazzjoni kollha meħtieġa jkunu inklużi fis-soluzzjonijiet tal-IT.

(4) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentati lill-Kummissjoni mill-EBA.

(5) L-EBA għamlet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implementazzjoni li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

([1]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338–„ ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/36/oj.

([2]) Id-Direttiva (UE) 2024/1619 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 li temenda d-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward tas-setgħat superviżorji, is-sanzjonijiet, il-fergħat ta' pajjiżi terzi, u r-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza (ĠU L, 2024/1619, 19.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1619/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1093/oj).

(6) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Madankollu, ir-rekwiżiti ta' rapportar skont l-Artikolu 48k(1) tad-Direttiva 2013/36/UE jiddependu fuq dispożizzjonijiet sostanzjali sottostanti stabbiliti fl-Artikoli 48h, 48e u 48f ta' dik id-Direttiva, li jenħtieġ li jibdew japplikaw mhux qabel il-11 ta' Jannar 2027. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li l-fergħat ta' pajjiżi terzi jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju għar-rapportar. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi differita.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dati tar-referenza tar-rapportar

1. Il-fergħat tal-pajjiżi teri għandhom jissottomettu l-informazzjoni msemmija f'dan ir-Regolament lill-awtoritajiet kompetenti kif tkun dik l-informazzjoni fid-dati ta' referenza tar-rapportar li ġejjin:

(a) rapportar ta' kull xahar: fl-aħħar jum ta' kull xahar;

(b) rapporti kull tliet xhur: fil-31 ta' Marzu, fit-30 ta' Ġunju, fit-30 ta' Settembru u fil-31 ta' Diċembru;

(c) rapportar ta' kull sitt xhur: fit-30 ta' Ġunju u fil-31 ta' Diċembru;

(d) rapportar annwali: fil-31 ta' Diċembru.

2. Il-fergħat tal-pajjiżi terzi għandhom jirrapportaw l-informazzjoni finanzjarja dwar il-fergħa tal-pajjiż terz innifisha msemmija fl-Anness I ta' dan ir-Regolament f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) jew il-prinċipji kontabilistiċi ġeneralment aċċettati applikabbli tal-Istat Membru u li jirreferu għal ċertu perjodu b'mod kumulattiv mill-ewwel jum tas-sena kontabilistika sad-data ta' referenza.

3. Fil-każi li l-fergħat ta' pajjiżi terzi huma permessi mil-liġijiet nazzjonali biex jirrapportaw it-tagħrif finanzjarju tagħhom abbażi ta' tmiem is-sena kontabilistika tagħhom, li tiddevja minn tmiem is-sena kalendarja, id-dati ta' referenza tar-rapportar jistgħu jiġu aġġustati skont kif meħtieġ, sabiex ir-rapportar isir ukoll kull xahar, kull tliet xhur, sitt xhur jew tnax-il xahar minn tmiem is-sena kontabilistika tagħhom.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika wkoll għall-informazzjoni dwar l-impriża prinċipali, dment li l-ġuriżdizzjoni rilevanti ta' pajjiż terz tippermetti r-rapportar ta' informazzjoni regolatorja bl-użu ta' tmiem is-sena fiskali bħala d-data ta' referenza.

Artikolu 2

Rapportar tad-dati ta' rimessa

1. Il-fergħat tal-pajjiżi terzi għandhom jissottomettu l-informazzjoni msemmija fl-Anness I lill-awtoritajiet kompetenti sal-għeluq tan-negozju fid-dati ta' rimessa li ġejjin:

(a) rapportar ta' kull xahar: fil-15-il jum kalendarju wara d-data ta' referenza ta' rapportar;

(b) rapporti kull tliet xhur: fit-12 ta' Mejju, fil-11 ta' Awwissu, fil-11 ta' Novembru u fil-11 ta' Frar;

(c) rapportar ta' kull sitt xhur: fil-11 ta' Awwissu u fil-11 ta' Frar;

(d) rapportar annwali: fil-11 ta' Frar.

2. Il-fergħat tal-pajjiżi terzi għandhom jissottomettu l-informazzjoni msemmija fl-Anness II lill-awtoritajiet kompetenti sal-għeluq tan-negozju fid-dati ta' rimessa li ġejjin:

(a) rapporti kull tliet xhur: fil-11 ta' Ġunju, fil-11 ta' Settembru, fil-11 ta' Diċembru u fil-11 ta' Marzu;

(b) rapportar ta' kull sitt xhur: fil-11 ta' Settembru u fil-11 ta' Marzu;

(c) rapportar annwali: fil-11 ta' Marzu.

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità (ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2002/1606/oj).

3. Meta il-jum tar-rimessa jkun festa pubblika fl-Istat Membru tal-awtorità kompetenti li lilha jkollu jiġi pprovdut ir-rapport, jew is-Sibt jew il-Ħadd, id-data għandha tiġi sottomessa fil-jum tax-xogħol segwenti.

4. Meta l-fergħat tal-pajjiżi terzi jirrapportaw informazzjoni finanzjarja jew informazzjoni permezz ta' dati ta' referenza aġġustati fuq il-bażi ta' tmiem is-sena kontabilistika kif stabbilit fl-Artikolu 1(3), id-dati tar-rimessa jistgħu jiġu aġġustati wkoll skont dan sabiex jinżamm l-istess perjodu ta' rapportar mid-data ta' referenza ta' rapportar aġġustat.

5. Il-fergħat tal-pajjiżi terzi jistgħu jippreżentaw ċifri mhux awditjati (jiġifieri ċifri li ma jkunux irċevew opinjoni ta' awditur estern). Meta ċ-ċifri awditjati (jiġifieri ċ-ċifri awditjati minn awditur estern li jesprimi opinjoni tal-awditjar) jiddevjaw miċ-ċifri sottomessi mhux awditjati, iċ-ċifri awditjati riveduti għandhom jiġu sottomessi mingħajr dewmien żejjed.

6. Korrezzjonijiet oħrajn għar-rapporti sottomessi għandhom jiġu wkoll sottomessi lill-awtoritajiet kompetenti mingħajr dewmien żejjed.

Artikolu 3

Rapportar dwar informazzjoni regolatorja u finanzjarja dwar fergħat tal-pajjiżi terzi

1. Il-fergħat tal-pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 48a(1) tad-Direttiva 2013/36/UE (klassi 1) għandhom jissottomettu l-mudelli b'informazzjoni dwar l-informazzjoni regolatorja u finanzjarja tagħhom stess kif speċifikat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament kif ġej:

(a) il-mudell 9.1 kull xahar;

(b) il-mudelli 1.1, 2, 7.1 u 8.1 kull 3 xhur;

(c) il-mudelli 3.1, 4.1, 5.1, 6.1 u 10 darbtejn fis-sena.

2. Il-fergħat tal-pajjiżi terzi li ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 48a(1) tad-Direttiva 2013/36/UE (klassi 2) għandhom jissottomettu l-mudelli b'informazzjoni dwar l-informazzjoni regolatorja u finanzjarja tagħhom stess kif inhu stipulat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament kif ġej:

(a) il-mudell 9.2 kull xahar;

(b) il-mudelli 1.2, 2, 7.2 u 8.2 kull 3 xhur;

(c) il-mudelli3.2, 4.2, 5.2, 6.2 u 10 darbtejn fis-sena.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, il-fergħat tal-pajjiżi terzi għandhom jirrapportaw il-mudell 10 biss meta dan jintalab mill-awtorità nazzjonali kompetenti f'konformità mal-Artikolu 48k(1)(c) tad-Direttiva 2013/36/UE.

Artikolu 4

Informazzjoni regolatorja u finanzjarja dwar l-impriża ewlenija

1. Il-fergħat tal-pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 48a(1) tad-Direttiva 2013/36/UE (klassi 1) għandhom jissottomettu l-mudelli b'informazzjoni dwar l-informazzjoni regolatorja u finanzjarja tal-impriża ewlenija kif inhu stipulat fl-Anness II ta' dan ir-Regolament kif ġej:

(a) il-mudelli 1 u 2 kull 3 xhur;

(b) il-mudelli 3, 4, 5, 6 u 7 darbtejn fis-sena.

2. Il-fergħat tal-pajjiżi terzi li ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 48a(1) tad-Direttiva 2013/36/UE (klassi 2) għandhom jissottomettu l-mudelli b'informazzjoni dwar l-informazzjoni regolatorja u finanzjarja tal-impriża ewlenija kif inhu stipulat fl-Anness II ta' dan ir-Regolament kif ġej:

(a) il-mudelli 1 u 2 kull 3 xhur;

(b) il-mudelli 3, 4, 5, 6 u 7 darbtejn fis-sena.

Artikolu 5

Soluzzjonijiet tal-IT, mudelli ta' rapportar u struzzjonijiet

1. L-EBA għandha tiżgura li s-soluzzjonijiet tal-IT, inklużi l-istruzzjonijiet, li jiġu żviluppati skont l-Artikolu 48l(1) tad-Direttiva 2013/36/UE jikkonformaw mal-formati ta' rapportar uniformi stabbiliti f'dan ir-Regolament f'kull ħin u jinkludu l-punti tad-data u l-informazzjoni kollha elenkati fl-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament.

2. L-EBA għandha tagħmel disponibbli fuq is-sit web tagħha s-soluzzjonijiet tal-IT, inkluż u l-istruzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1. L-EBA għandha żżomm dawk is-soluzzjonijiet tal-IT aġġornati u disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.

Artikolu 6

Formati tal-iskambju tad-data u informazzjoni li takkumpanja l-preżentazzjonijiet

1. Il-fergħat tal-pajjiżi terzi għandhom jissottomettu l-informazzjoni msemmija f'dan ir-Regolament fil-formati u r-rappreżentazzjonijiet tal-iskambju tad-data speċifikati mill-awtoritajiet kompetenti, jirrispettaw id-definizzjoni tal-punt tad-data tal-mudell tal-punt tad-data u l-formuli tal-validazzjoni msemmija fis-soluzzjonijiet tal-IT magħmula disponibbli fuq is-sit web tal-EBA, u jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-istituzzjonijiet ma għandhomx jinkludu fis-sottomissjoni tad-data informazzjoni li ma tkunx meħtieġa jew li ma tkunx applikabbli;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jissottomettu valuri numeriċi kif ġej:

(i) huma għandhom jirrapportaw punti tad-data bit-tip ta' data "Monetarju" bl-użu ta' preċiżjoni minima ekwivalenti għal għaxar eluf ta' unitajiet;

(ii) huma għandhom jesprimu punti tad-data bit-tip ta' data "Perċentwal" għal kull unità bi preċiżjoni minima ekwivalenti għal erba' deċimali;

(iii) ma għandhomx jużaw deċimali meta jirrapportaw punti tad-data bit-tip ta' data "Integer" u għandhom jużaw preċiżjoni ekwivalenti għall-unitajiet;

(c) huma għandhom jidentifikaw l-istituzzjonijiet u l-impriżi tal-assigurazzjoni biss permezz tal-Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) tagħhom;

(d) huma għandhom jidentifikaw l-entitajiet ġuridiċi u l-kontropartijiet għajr l-istituzzjonijiet u l-impriżi tal-assigurazzjoni mil-LEI tagħhom, fejn disponibbli; u fejn mhux disponibbli, mill-kodiċi nazzjonali tagħhom.

2. Il-fergħat tal-pajjiżi terzi għandhom, flimkien mal-informazzjoni sottomessa, jissottomettu l-informazzjoni li ġejja:

(a) ir-rapportar tad-data ta' referenza u l-perjodu ta' referenza;

(b) il-munita tar-rapportar;

(c) l-standard tal-kontabbiltà;

(d) Il-LEI tal-fergħa ta' rapportar tal-pajjiż terz, fejn disponibbli; u fejn mhux disponibbli, il-kodiċi nazzjonali tagħhom;

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-28 ta' Marzu 2027.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Lulju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

Rapportar tal-fergħat ta' pajjiżi terzi

Mudelli tal-fergħat ta' pajjiżi terzi				
Numru tal-mudell	Kodiċi tal-mudell	Destinatarji	Bażi legali	Isem tal-formola/grupp ta' formoli
Informazzjoni finanzjarja				
1,1	E 01.01	TCBs tal-Klassi 1	Il-punt (a) tal-Artikolu 48k (1) CRD	Assi u obbligazzjonijiet irreġistrati fil-kotba u li oriġinaw mill-fergħa ta' pajjiż terz (Klassi 1)
1,2	E 01.02	TCBs tal-Klassi 2	Il-punt (a) tal-Artikolu 48k (1) CRD	Assi u obbligazzjonijiet irreġistrati fil-kotba u li oriġinaw mill-fergħa ta' pajjiż terz (Klassi 2)
2	E 02.00	TCBs tal-Klassi 1 u 2	Il-punt (a) tal-Artikolu 48k (1) CRD	Entrati magħżula li ma jidhrux fil-karta bilanċjali tal-fergħa ta' pajjiż terz (Klassi 1 u Klassi 2)
3,1	E 03.01	TCBs tal-Klassi 1	Il-punti (a)(i) u (ii) tal-Artikolu 48k(1) CRD	L-akbar assi u konċentrazzjonijiet sinifikanti tal-iskoperturi (Klassi 1)
3,2	E 03.02	TCBs tal-Klassi 2	Il-punti (a)(i) u (ii) tal-Artikolu 48k(1) CRD	L-akbar assi u konċentrazzjonijiet sinifikanti tal-iskoperturi (Klassi 2)
4,1	E 04.01	TCBs tal-Klassi 1	Il-punti (a)(i) u (ii) tal-Artikolu 48k(1) CRD	L-akbar obbligazzjonijiet u konċentrazzjonijiet sinifikanti ta' sorsi ta' finanzjament (Klassi 1)
4,2	E 04.02	TCBs tal-Klassi 2	Il-punti (a)(i) u (ii) tal-Artikolu 48k(1) CRD	L-akbar obbligazzjonijiet u konċentrazzjonijiet sinifikanti ta' sorsi ta' finanzjament (Klassi 2)
5,1	E 05.01	TCBs tal-Klassi 1	Il-punt (a)(iii) tal-Artikolu 48k (1) CRD	Tranżazzjonijiet interni sinifikanti mal-impriża ewlenija u mal-membri tal-grupp tal-impriża ewlenija - Ammonti pagabbli u ammonti riċevibbli (Klassi 1)
5,2	E 05.02	TCBs tal-Klassi 2	Il-punt (a)(iii) tal-Artikolu 48k (1) CRD	Tranżazzjonijiet interni sinifikanti mal-impriża ewlenija u mal-membri tal-grupp tal-impriża ewlenija - Ammonti pagabbli u ammonti riċevibbli (Klassi 2)
6,1	E 06.01	TCBs tal-Klassi 1	Il-punt (a)(iii) tal-Artikolu 48k (1) CRD	Tranżazzjonijiet interni sinifikanti mal-impriża ewlenija u mal-membri tal-grupp tal-impriża ewlenija - Spejjeż u introjtu ġġenerati mit-tranżazzjonijiet (Klassi 1)
6,2	E 06.02	TCBs tal-Klassi 2	Il-punt (a)(iii) tal-Artikolu 48k (1) CRD	Tranżazzjonijiet interni sinifikanti mal-impriża ewlenija u mal-membri tal-grupp tal-impriża ewlenija - Spejjeż u introjtu ġġenerati mit-tranżazzjonijiet (Klassi 2)

Mudelli tal-fergħat ta' pajjiżi terzi				
Numru tal-mudell	Kodiċi tal-mudell	Destinatarji	Bażi legali	Isem tal-formola/grupp ta' formoli
Informazzjoni regolatorja				
7,1	E 07.01	TCBs tal-Klassi 1	Il-punt (b) tal-Artikolu 48k(1) u l-Artikolu 48e CRD	Komputazzjoni tar-rekwiżiti ta' allokazzjoni kapitali (Klassi 1)
7,2	E 07.02	TCBs tal-Klassi 2	Il-punt (b) tal-Artikolu 48k(1) u l-Artikolu 48e CRD	Komputazzjoni tar-rekwiżiti ta' allokazzjoni kapitali (Klassi 2)
8,1	E 08.01	TCBs tal-Klassi 1	Il-punt (b) tal-Artikolu 48k(1) u l-Artikolu 48e CRD	Assi depożitati li jkopru l-MCER u l-monitoraġġ tal-evoluzzjoni tal-kont miżmum minn terzi (Klassi 1)
8,2	E 08.02	TCBs tal-Klassi 2	Il-punt (b) tal-Artikolu 48k(1) u l-Artikolu 48e CRD	Assi depożitati li jkopru l-MCER u l-monitoraġġ tal-evoluzzjoni tal-kont miżmum minn terzi (Klassi 2)
9,1	E 09.01	TCBs tal-Klassi 1	Il-punt (b) tal-Artikolu 48k(1) u l-Artikolu 48f CRD	Kopertura tal-likwidità — kalkoli (Klassi 1)
9,2	E 09.02	TCBs tal-Klassi 2	Il-punt (b) tal-Artikolu 48k(1) u l-Artikolu 48f CRD	Kopertura tal-likwidità — kalkoli (Klassi 2)
10	E 10.00	TCBs tal-Klassi 1 u 2	Il-punt (c) tal-Artikolu 48k(1) CRD	Arranġamenti għall-protezzjoni tad-depożiti disponibbli għad-depożitanti fil-fergħat ta' pajjiżi terzi f'konformità mal-Artikolu 15(2) u (3) tad-DGSD

E 01.01 - Assi u obbligazzjonijiet irreġistrati fil-kotba u li oriġinaw mill-fergħa ta' pajjiż terz (Klassi 1)

		Ammont irreġistrat mit-TCB			Ammont li joriġina mit-TCB
			li minnu: assi depożitati li jkopru l-OCER	li minnhom: pożizzjonijiet intragrupp	
		0010	0020	0030	0040
Assi Totali	0010				
Assi finanzjarji	0020				
Flus fl-idejn	0030				
Bilanċi ta' flus fil-banek ċentrali	0040				
Depożiti ta' domanda oħrajn	0050				
Derivattivi	0060				
Strumenti azzjonarji	0070				
Titoli ta' dejn	0080				
Self u ħlas minn quddiem	0090				
Assi mhux finanzjarji	0100				
Proprjetà, Impjanti u Tagħmir	0110				
Proprjetà għall-investiment	0120				
Avvjament	0130				
Assi intanġibbli oħrajn	0140				
Assi fiskali kurrenti	0150				
Assi ta' taxxa differita	0160				
Assi oħrajn	0170				
Obbligazzjonijiet Totali	0180				
Obbligazzjonijiet finanzjarji	0190				
Pożizzjonijiet qosra	0200				
Depożiti	0210				
Derivattivi	0220				
Titoli ta' dejn maħruġin	0230				
Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn	0240				
Obbligazzjonijiet mhux finanzjarji	0250				
Provvedimenti	0260				
Obbligazzjonijiet fiskali attwali	0270				
Obbligazzjonijiet tat-taxxa differita	0280				
Kapital azzjonarju ripagabbli meta mitlub	0290				
Obbligazzjonijiet oħrajn	0300				
Ekwità	0310				

E 01.02 - Assi u obbligazzjonijiet irreġistrati fil-kotba u li oriġinaw mill-fergħa ta' pajjiż terz (Klassi 2)

		Ammont irreġistrat mit-TCB		Ammont li joriġina mit-TCB
			li minnu: assi depożitati li jkopru l-OCER	
		0010	0020	0040
Assi Totali	0010			
Assi finanzjarji	0020			
Flus fl-idejn	0030			
Bilanċi ta' flus fil-banek ċentrali	0040			
Depożiti ta' domanda oħrajn	0050			
Derivattivi	0060			
Strumenti azzjonarji	0070			
Titoli ta' dejn	0080			
Self u ħlas minn quddiem	0090			
Assi mhux finanzjarji	0100			
Obbligazzjonijiet Totali	0180			
Obbligazzjonijiet finanzjarji	0190			
Pożizzjonijiet qosra	0200			
Depożiti	0210			
Derivattivi	0220			
Titoli ta' dejn maħruġin	0230			
Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn	0240			
Obbligazzjonijiet mhux finanzjarji	0250			
Ekwità	0310			

E 02.00 — Entrati magħżula li ma jidhrux fil-karta bilanċjali (Klassi 1 u Klassi 2)

		Ammont nominali	Ammont massimu li jista' jiġi kkunsidrat
		0010	0020
Entrati magħżula li ma jidhrux fil-karta bilanċjali mogħtija	0010		
Impenji ta' self mogħtija	0020		
Garanziji finanzjarji mogħtija	0030		
Impenji oħrajn mogħtija	0040		
Entrati magħżula li ma jidhrux fil-karta bilanċjali riċevuti	0050		
Impenji ta' self riċevuti	0060		
Garanziji finanzjarji riċevuti	0070		
Impenji oħrajn riċevuti	0080		

E 03.01 - L-akbar assi u konċentrazzjonijiet sinifikanti tal-iskoperturi (Klassi 1)

Tip ta' kontroparti:

		Kontroparti					Ammont								
		Kodiċi / Kodiċi tal-grupp	Tip ta' Kodiċi	Isem il-kontroparti	Kodiċi nazzjonali	Residenza tal-kontroparti	Konċentrazzjonijiet tal-iskoperturi	Assi maġġulin				Entrati maġġula li ma jidhrux fil-karta bilanċjali mogħtija			Indebolliment akkumulat
								Strumenti ta' dejn	Strumenti azzjonarji	Derivattivi	li minnhom: inadempjenti	Impenji ta' self	Garanziji finanzjarji	Impenji oħrajn	
		0010	0020	0030	0040	0050	0060	0070	0080	0090	0100	0110	0120	0130	0140
1	0010														
2	0020														
3	0030														
4	0040														
5	0050														
6	0060														
7	0070														
8	0080														
9	0090														
10	0100														

E 03.02 - L-akbar assi u konċentrazzjonijiet sinifikanti tal-iskoperturi (Klassi 2)

Tip ta' kontroparti:

		Kontraparti					Ammont								
		Kodiċi / Kodiċi tal-grupp	Tip ta' Kodiċi	Isem il-kontroparti	Kodiċi nazzjonali	Residenza tal-kontroparti	Konċentrazzjonijiet tal-iskoperturi	Assi magħżulin				Entrati magħżula li ma jidhrux fil-karta bilanċjali mogħtija			Indeboliment akkumulat
								Strumenti ta' dejn	Strumenti azzjonarji	Derivattivi	li minnhom: inadempjenti	Impenji ta' self	Garanziji finanzjarji	Impenji oħrajn	
		0010	0020	0030	0040	0050	0060	0070	0080	0090	0100	0110	0120	0130	0140
1	0010														
2	0020														
3	0030														
4	0040														
5	0050														

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/1757/oj

E 04.01 - L-akbar obbligazzjonijiet u konċentrazzjonijiet sinifikanti ta' sorsi ta' finanzjament (Klassi 1)

Tip ta' kontroparti:

		Kontroparti					Ammont			
		Kodiċi / Kodiċi tal-grupp	Tip ta' Kodiċi	Isem il-kontroparti	Kodiċi nazzjonali	Residenza tal-Kontroparti	Konċentrazzjonijiet ta' sorsi ta' fondi	Obbligazzjonijiet magħżulin		
								Depożiti	Titoli ta' dejn maħruġin	Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn
		0010	0020	0030	0040	0050	0060	0070	0080	0090
1	0010									
2	0020									
3	0030									
4	0040									
5	0050									
6	0060									
7	0070									
8	0080									
9	0090									
10	0100									

E 04.02 - L-akbar obbligazzjonijiet u konċentrazzjonijiet sinifikanti ta' sorsi ta' finanzjament (Klassi 2)

Tip ta' kontroparti:

		Kontroparti					Ammont			
		Kodiċi / Kodiċi tal-grupp	Tip ta' Kodiċi	Isem il-kontroparti	Kodiċi nazzjonali	Residenza tal-Kontroparti	Konċentrazzjonijiet ta' sorsi ta' fondi	Obbligazzjonijiet maghżulin		
								Depożiti	Titoli ta' dejn mahruġin	Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn
		0010	0020	0030	0040	0050	0060	0070	0080	0090
1	0010									
2	0020									
3	0030									
4	0040									
5	0050									

E 05.01 - Tranżazzjonijiet interni sinifikanti mal-impriża ewlenija u mal-membri tal-grupp tal-impriża ewlenija (Klassi 1)

Tranżazzjonijiet ma’:

		Bilanċi pendenti għat-tranżazzjonijiet kollha	Tranżazzjonijiet sinifikanti														
			L-ogħla			It-2ni l-ogħla			It-3et l-ogħla			It-4a’ l-ogħla			It-5es -ogħla		
			Bilanċ pendenti	Isem il-kontro-parti	Kodiċi	Bilanċ pendenti	Isem il-kontro-parti	Kodiċi	Bilanċ pendenti	Isem il-kontro-parti	Kodiċi	Bilanċ pendenti	Isem il-kontro-parti	Kodiċi	Bilanċ pendenti	Isem il-kontro-parti	Kodiċi
		0010	0020	0030	0040	0050	0060	0070	0080	0090	0100	0110	0120	0130	0140	0150	0160
Assi finanzjarji magħżulin	0010																
Strumenti azzjonarji	0020																
Titoli ta’ dejn	0030																
Self u ħlas minn quddiem	0040																
Obbligazzjonijiet finanzjarji magħżulin	0050																
Depożiti	0060																
Titoli ta’ dejn maħruġin	0070																
Entrati magħżula li ma jidhrux fil-karta bilanċjali mogħtija	0080																
Entrati magħżula li ma jidhrux fil-karta bilanċjali riċevuti	0090																
Ammont nozzjonali ta’ derivattivi	0100																

E 05.02 - Tranżazzjonijiet interni sinifikanti mal-impriża ewlenija u mal-membri tal-grupp tal-impriża ewlenija (Klassi 2)

Tranżazzjonijiet ma':

		Bilanċi pendenti għat-tranżazzjonijiet kollha	Tranżazzjonijiet sinifikanti								
			L-ogħla			It-2ni l-ogħla			It-3et l-ogħla		
			Bilanċ pendenti	Isem il-kontroparti	Kodiċi	Bilanċ pendenti	Isem il-kontroparti	Kodiċi	Bilanċ pendenti	Isem il-kontroparti	Kodiċi
		0010	0020	0030	0040	0050	0060	0070	0080	0090	0100
Assi finanzjarji magħżulin	0010										
Strumenti azzjonarji	0020										
Titoli ta' dejn	0030										
Self u ħlas minn quddiem	0040										
Obbligazzjonijiet finanzjarji magħżulin	0050										
Depożiti	0060										
Titoli ta' dejn maħruġin	0070										
Entrati magħżula li ma jidhrux fil-karta bilanċjali mogħtija	0080										
Entrati magħżula li ma jidhrux fil-karta bilanċjali riċevuti	0090										
Ammont nozzjonali ta' derivattivi	0100										

E 06.01 - Tranżazzjonijiet interni sinifikanti mal-impriża ewlenija u mal-membri tal-grupp tal-impriża ewlenija (Klassi 1)

Tranżazzjonijiet ma':

		Ammonti ghat-tranżazzjonijiet kollha	Tranżazzjonijiet sinifikanti														
			L-ogħla			It-2ni l-ogħla			It-3et l-ogħla			It-4a' l-ogħla			It-5es -ogħla		
			Ammont	Isem il-kontroparti	Kodiċi	Ammont	Isem il-kontroparti	Kodiċi	Ammont	Isem il-kontroparti	Kodiċi	Ammont	Isem il-kontroparti	Kodiċi	Ammont	Isem il-kontroparti	Kodiċi
		0010	0020	0030	0040	0050	0060	0070	0080	0090	0100	0110	0120	0130	0140	0150	0160
Introjtu mill-imgħax	0010																
Spejjeż tal-imgħax	0020																
Dħul minn tariffi u kummissjonijiet	0030																
Spejjeż ta' tariffi u kummissjonijiet	0040																
Spejjeż amministrattivi	0050																
Introjtu ieħor	0060																
Spejjeż oħra	0070																

E 06.02 - Tranżazzjonijiet interni sinifikanti mal-impriża ewlenija u mal-membri tal-grupp tal-impriża ewlenija (Klassi 2)

Tranżazzjonijiet ma':

		Ammonti għat-tranżazzjonijiet kollha	Tranżazzjonijiet sinifikanti								
			L-ogħla			It-2ni l-ogħla			It-3et l-ogħla		
			Ammont	Isem il-kontroparti	Kodiċi	Ammont	Isem il-kontroparti	Kodiċi	Ammont	Isem il-kontroparti	Kodiċi
		0010	0020	0030	0040	0050	0060	0070	0080	0090	0100
Introjtu mill-imgħax	0010										
Spejjeż tal-imgħax	0020										
Dħul minn tariffi u kummissjonijiet	0030										
Spejjeż ta' tariffi u kummissjonijiet	0040										
Spejjeż amministrattivi	0050										
Introjtu ieħor	0060										
Spejjeż oħra	0070										

E 07.01 - Komputazzjoni tar-rekwiżiti tad-dotazzjoni kapitali (Klassi 1)

Munita:

		Obbligazzjonijiet					MCER	ACER	OCER	Assi ddepożitati f'depożitu fiduċjarju bi twettiq mal-OCER
		T-1	T-2	T-3	Medja mhux ponderata	Medja ponderata				
		0010	0020	0030	0040	0050	0060	0070	0080	0090
Ammont	0010									

E 07.02 - Komputazzjoni tar-rekwiżiti ta' allokazzjoni kapitali (Klassi 2)

		Obbligazzjonijiet					MCER	ACER	OCER	Assi ddepożitati f'depożitu fiduċjarju bi twettiq mal-OCER
		T-1	T-2	T-3	Medja mhux ponderata	Medja ponderata				
		0010	0020	0030	0040	0050	0060	0070	0080	0090
Ammont	0010									

E 08.01 - Assi depożitati li jkopru l-OCER u l-monitoraġġ tal-evoluzzjoni tal-kont miżmum minn terzi (Klassi 1)

Munita:

		Bilanċ tal-ftuħ	Bilanċ tal-għeluq	Isem il-Kontroparti	Kodiċi	Tip ta' Kodiċi	Kodiċi nazzjonali	Residenza tal-kontroparti
		0010	0020	0030	0040	0050	0060	0070
Assi ddepożitati f'depożitu fiduċjarju bi twettiq mal-OCER	0010							
Flus jew strumenti assimilati ta' flus	0020							
Titoli ta' dejn	0030							
li minnhom: L-1el l-akbar kontroparti	0040							
li minnhom: L-2ni l-akbar kontroparti	0050							
li minnhom: It-3et l-akbar kontroparti	0060							
Strumenti eliġibbli ohra	0070							
li minnhom: L-1el l-akbar kontroparti	0080							
li minnha: L-2ni l-akbar kontroparti	0090							
li minnha: It-3et l-akbar kontroparti	0100							

E 08.02 - Assi depożitati li jkopru l-OCER u l-monitoraġġ tal-evoluzzjoni tal-kont miżmum minn terzi (Klassi 2)

		Bilanċ tal-ftuħ	Bilanċ tal-għeluq
		0010	0020
Assi ddepożitati f'depożitu fiduċjarju bi twettiq mal-OCER	0010		
Flus jew strumenti assimilati ta' flus	0020		
Titoli ta' dejn	0030		
Strumenti eliġibbli ohra	0070		

E 09.01 - Kopertura tal-likwidità — kalkoli (Klassi 1)

Munita:

		Ammont	Valur/Fluss ta' Dħul/Fluss ta' Ħruġ	Persentaġġ
		0010	0020	0030
KALKOLI				
Numeratur, denominatur, proporzjon				
Bafer tal-likwidità	0010			
Fluss ta' ħruġ nett tal-likwidità	0020			
Proporzjon ta' kopertura tal-likwidità (%)	0030			
Kalkoli tan-numeratur				
Assi tal-Livell 1				
Bafer tal-likwidità L1 eskl. EHQCB (valur skont l-Artikolu 9): mhux aġġustati	0040			
Flussi ta' ħruġ fuq 30 jum ta' kollateral L1 eskl. EHQCB	0050			
Influssi fuq 30 jum ta' kollateral L1 eskl. EHQCB	0060			
Flussi 'l barra fuq 30 jum ta' flus garantiti	0070			
Influssi fuq 30 jum ta' flus kontanti garantiti	0080			
"Ammont aġġustat" L1 eskl. EHQCB	0091			
Valur L1 EHQCB skont l-Artikolu 9: mhux aġġustati	0100			
Flussi ta' ħruġ fuq 30 jum ta' kollateral EHQCB L1	0110			
Influssi fuq 30 jum ta' kollateral EHQCB L1	0120			
"Ammont aġġustat" L1 EHQCB	0131			
Assi tal-Livell 2 A				
Valur L2A skont l-Artikolu 9: mhux aġġustati	0160			
Flussi 'l barra fuq 30 jum ta' kollateral L2A	0170			
Influssi fuq 30 jum ta' kollateral L2A	0180			
"Ammont aġġustat" L2A	0191			

		Ammont	Valur/Fluss ta' Dħul/Fluss ta' Ħruġ	Persentaġġ
		0010	0020	0030
Assi tal-Livell 2B				
Valur L2B skont l-Artikolu 9: mhux aġġustati	0220			
Flussi ta' ħruġ fuq 30 jum tal-kollateral L2B	0230			
Influssi fuq 30 jum ta' kollateral L2B	0240			
"Ammont aġġustat" L2B	0251			
Ammont ta' assi likwidi f'eċċess	0280			
Kalkoli tad-denominatur				
Flussi ta' Ħruġ				
Total tal-Flussi ta' ħruġ	0300			
Minn depożiti fil-livell ta' konsumatur	0301			
Minn tranżazzjonijiet mhux garantiti oħra	0302			
Minn ħruġ minn self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-suq kapitali	0303			
Minn oħrajn	0304			
Influssi				
Influssi Kompletament Eżentati	0310			
Influssi Soġġetti għal-Limitu Massimu ta' 90 %	0320			
Influssi Soġġetti għal-Limitu Massimu ta' 75 %	0330			
Tnaqqis għal Influssi Eżentati għal Kollox	0340			
Tnaqqis għall-Influssi Soġġetti għal-Limitu Massimu ta' 90 %	0350			
Tnaqqis għall-Influssi Soġġetti għal-Limitu Massimu ta' 75 %	0360			
Rekwiżiti ta' likwidità addizzjonali				
Rekwiżiti ta' likwidità addizzjonali	0381			

E 09.02 - Kopertura tal-likwidità — kalkoli (Klassi 2)

		Ammont	Valur/Influss/Fluss ta' Ħruġ
		0010	0020
Total tal-Flussi ta' ħruġ	0300		
Minn depożiti fil-livell ta' konsumatur	0301		
Minn tranżazzjonijiet mhux garantiti oħra	0302		
Minn ħruġ minn self garantit u tranżazzjonijiet immotivati mis-suq kapitali	0303		
Minn oħrajn	0304		
Total ta' Influssi minħajr Limitu Massimu tal-Influssi	0305		
Fluss ta' Ħruġ Nett tal-Likwidità minħajr Limitu Massimu tal-Influssi	0306		
Assi mhux vinkolati u likwidi	0390		
Istituzzjonijiet ta' kreditu	0400		
Banek Ċentrali	0410		
Rekwiżiti ta' likwidità addizzjonali			
Rekwiżiti ta' likwidità addizzjonali	0381		

E 10.00 - Arranġamenti għall-protezzjoni tad-depożiti disponibbli għad-depożituri fil-fergħat ta' pajjiżi terzi

Tip ta' informazzjoni	Oġġett ta' informazzjoni		Tweġiba
			0010
1. Tip ta' DGS	1.1. Is-sħubija tal-SGD f'pajjiżek hija obbligatorja għall-istituzzjonijiet ta' kreditu?	0010	
	i. Isem l-SGD li magħha hija affiljata l-impriża ewlenija tiegħek fil-pajjiż terz domiċiljari tagħha	0020	
	ii. Jekk applikabbli, speċifika t-tip ta' amministrazzjoni tal-SGD li magħha hija affiljata l-impriża ewlenija	0030	
	1.2. Hemm xi istituzzjoni finanzjarja li tieħu depożiti (minbarra istituzzjonijiet ta' kreditu) li magħha l-affiljazzjoni ma' dik l-SGD hija obbligatorja jew volontarja?	0040	
	i. Jekk applikabbli, speċifika t-tip ta' istituzzjonijiet finanzjarji u jekk l-affiljazzjoni hijiex obbligatorja jew volontarja	0050	
2. Kopertura tal-SGD ta' pajjiż terz	2.1. Kamp ta' applikazzjoni tal-kopertura: lista ta' esklużjonijiet	0060	
	2.2.i. Limitu tal-kopertura: l-ammont aggregat massimu ta' depożiti eliġibbli koperti għal kull detentur ta' depożitu — kif espress fil-munita lokali tal-pajjiż terz.	0070	
	2.2.ii. Denominazzjoni tal-munita lokali	0080	
	2.3. L-SGD ta' pajjiż terz kif tittratta l-kontijiet konġunti?	0090	
	2.4. X'inhuma l-karatteristiċi ewlenin tal-politika ta' rimborż tal-SGD domiċiljari tiegħek f'każ li bank ifalli?	0100	
	2.5. Ġerarkija tal-krediturі tad-depożiti: aspetti ewlenin	0110	
	2.6. Similarità tat-trattament: l-SGD ta' pajjiż terz tiggarantixxi bis-sħiħ is-similarità tat-trattament?	0120	
3. Mekkaniżmi u arranġamenti ta' finanzjament	3.1. Finanzjament: fuq liema bażi rikorrenti jinbena l-fond tal-SGD?	0130	
	3.2. Il-SGD bħalissa għandha daqs minimu ta' fond fil-mira?	0140	
	i. Jekk tapplika, ikkwantifikaha u spjega jekk hijiex legalment obbligatorja jew stabbilita mill-SGD jew minn awtorità oħra	0150	
	3.3. Primjums: x'tip ta' primjums timponi l-SGD tal-pajjiż terz tiegħek fuq l-impriża ewlenija tiegħek?	0160	
	3.4. Kontribuzzjonijiet ta' emerġenza u sorsi ta' finanzjament addizzjonali fi żminijiet ta' stress	0170	
	i. Jekk japplika, spjega fiex jikkonsistu dawn l-arranġamenti alternattivi ta' finanzjament	0180	

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/1757/oj

ANNESS II

Rapportar tal-impriżi prinċipali tal-Fergħat ta' Pajjiżi Terzi

MUDELLI TAL-IMPRIŻI EWLENIJA				
Numru tal-mudell	Kodiċi tal-mudell	Destinatarji	Bażi legali	Isem il-mudell/tal-grupp ta' mudelli
Informazzjoni kwantitattiva				
1	H 01.00	TCBs tal-Klassi 1 u 2	Il-punt (a) tal-Artikolu 48k (2) CRD	Informazzjoni dwar il-grupp tal-impriża ewlenija
2	H 02.00	TCBs tal-Klassi 1 u 2	Il-punt (a) tal-Artikolu 48k (2) CRD	Informazzjoni dwar sussidjarji magħżula u dwar fergħat oħra ta' pajjiżi terzi tal-grupp ta' pajjiż terz fl-Unjoni
3,1	H 03.01	TCBs tal-Klassi 1 u 2	Il-punt (b) tal-Artikolu 48k (2) CRD	Il-konformità tal-impriża ewlenija mar-rekwiżiti prudenzjali applikabbli fil-pajjiż terz (Basel III)
4	H 04.00	TCBs tal-Klassi 1 u 2	Il-punt (f) tal-Artikolu 48k (2) CRD	Servizzi mogħtija mill-impriża ewlenija abbażi ta' sollecitazzjoni bil-kontra tas-servizzi
Informazzjoni kwalitattiva				
3,2	H 03.02	TCBs tal-Klassi 1 u 2	Il-punt (b) tal-Artikolu 48k (2) CRD	Il-konformità tal-impriża ewlenija mar-rekwiżiti prudenzjali applikabbli fil-pajjiż terz (għajr Basel III)
5	H 05.00	TCBs tal-Klassi 1 u 2	Il-punt (c) tal-Artikolu 48k (2) CRD	Rieżamijiet u valutazzjonijiet superviżorji sinifikanti tal-impriża ewlenija
6	H 06.00	TCBs tal-Klassi 1 u 2	Il-punt (d) tal-Artikolu 48k (2) CRD	Pjanijiet ta' rkupru tal-impriża ewlenija
7	H 07.00	TCBs tal-Klassi 1 u 2	Il-punt (e) tal-Artikolu 48k (2) CRD	Strateġija tan-negozju tal-impriża ewlenija

H 01.00 - Informazzjoni dwar il-grupp tal-impriża ewlenija

		Isem	Pajjiż	Kodiċi	Tip ta' Kodiċi	Total ta' assi	Obbligazzjonijiet totali
		0010	0020	0030	0040	0050	0060
Impriża ewlenija aħħarija	0010						
L-entitajiet irrapportati f'H 02.00	0020						
L-entitajiet l-oħra kollha mhux irrapportati f'H 02.00	0030						
Ir-rapportar tad-TCB	0040						
Impriża ewlenija diretta tat-TCB li jirrapporta	0050						
Impriża ewlenija applikabbli oħra tat-TCB li jirrapporta	0060						

H 02.00 - Informazzjoni dwar sussidjarji magħżula u dwar fergħat oħra ta' pajjiżi terzi tat-TCG fl-Unjoni

Sussidjarji magħżula u TCBs oħra tal-grupp ta' HU fl-Unjoni									
Isem	Kodiċi	Tip ta' Kodiċi	Kodiċi nazzjonali	Tip ta' entità	Stat Membru tal-istabbiliment	Awtorità kompetenti	Total ta' assi	Obbligazzjonijiet totali	Din l-entità hija IPU?
0010	0020	0030	0040	0050	0060	0070	0080	0090	0100

H 03.01 - Il-konformità tal-impriża ewlenija mar-rekwiżiti prudenzjali applikabbli fil-pajjiż terz (Basel III)

Impriża ewlenija:

Livell ta' konsolidazzjoni:

		Valur / Persentaġġ
		0010
Fondi proprji u rekwiżiti ta' fondi proprji		
CET1		
Ammont ta' Kapital	0010	
Proporzjon tal-kapital	0020	
Rekwiżit impost mill-ġuriżdizzjoni	0030	
Livell 1		
Ammont ta' Kapital	0040	
Proporzjon tal-kapital	0050	
Rekwiżit impost mill-ġuriżdizzjoni	0060	
Kapital totali		
Ammont ta' Kapital	0070	
Proporzjon tal-kapital	0080	
Rekwiżit impost mill-ġuriżdizzjoni	0090	
Assi Mwieżna għar-Riskju		
Ammont	0100	
Proporzjon ta' kopertura tal-likwidità		
Assi likwidu ta' kwalità għolja	0110	
Ħruġ nett ta' flus	0120	
LCR	0130	
Proporzjon ta' finanzjament stabbli nett		
Ammont disponibbli ta' finanzjament stabbli	0140	
Ammont meħtieġ ta' finanzjament stabbli	0150	
NSFR	0160	
Proporzjon ta' ingranaġġ		
Kalkolu tal-kapital	0170	
Kejl tal-iskopertura	0180	
Proporzjon ta' ingranaġġ	0190	

H 03.02 - Konformità tal-impriża ewlenija mar-rekwiżiti prudenzjali applikabbli fil-pajjiż terz (għajr Basel III)

Impriża ewlenija:

Livell ta' konsolidazzjoni:

		Kumment
0010		
Standards jew qafas legali applikati għar-rekwiżiti prudenzjali	0010	
Fondi proprji u rekwiżiti ta' fondi proprji	0020	
Rekwiżiti ta' proporzjon ta' kopertura tal-likwidità	0030	
Rekwiżiti ta' proporzjon ta' finanzjament stabbli nett	0040	
Rekwiżiti tal-proporzjon ta' ingranaġġ	0050	

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/1757/oj

H 04.00 - Servizzi tal-impriża ewlenija lill-klijenti stabbiliti jew li jinsabu fl-Unjoni abbaži ta' sollecitazzjoni inversa ta' servizzi

Impriża ewlenija:

		Assi assoċjati	Obbligazzjonijiet assoċjati	Entrati assoċjati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali
		0010	0020	0030
1 Ġbir ta' depożiti u fondi oħra li jitħallsu lura	0010			
2. Għoti b'self	0020			
6. Garanziji u impenji	0030			

H 05.00 — Reviżjonijiet u valutazzjonijiet superviżorji sinifikanti u d-deċiżjonijiet superviżorji konsegwenti

Impriża ewlenija:

Oġġett ta' informazzjoni			Valur tal-informazzjoni	Kummenti oħrajn
			0010	0020
Valutazzjoni annwali tas-superviżur ta' pajjiżek fuq l-impriża ewlenija tiegħek	Punteġġ kumplessiv	**0010**		
	Elementi tar-riskju vvalutati mis-superviżur tal-pajjiż terz għall-punteġġ globali:	**0020**		
	Mudell ta' Negozju & Profittabbiltà	**0021**		
	Governanza Interna	**0022**		
	Adegwatezza ta' kapital	**0023**		
	Riskju ta' Kreditu	**0024**		
	Riskju tas-Suq	**0025**		
	IRR tal-Portafoll Bankarju	**0026**		
	Riskju Operazzjonali	**0027**		
	Riskju ta' Likwidità	**0028**		
Spezzjonijiet u tiġi oħrajn ta' rieżamijiet li jsiru mis-superviżur ta' pajjiżek fuq l-impriża ewlenija tiegħek	Spezzjonijiet fuq il-post	**0030**		
	Rieżamijiet tematiċi	**0040**		
	Analiżi fil-fond	**0050**		
Deċiżjonijiet maħruġa mis-superviżur dwar l-impriża ewlenija	Deċiżjonijiet dwar il-kapital (rekwiżiti kapitali addizzjonali tal-Pilastru II, vinkolanti jew mhux vinkolanti)	**0060**		
	Deċiżjonijiet dwar il-likwidità	**0070**		
	Deċiżjonijiet dwar l-ingranaġġ	**0080**		
	Eżenzjonijiet	**0090**		
	Approvazzjonijiet	**0100**		
	Oħrajn	**0110**		

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/1757/oj

H 06.00 — Pjanijiet ta' rkupru u l-miżuri speċifiċi li jistgħu jittieħdu fuq it-TCBs skont dawk il-pjanijiet

Impriża ewlenija:

1. Sommarju tal-karatteristiċi ewlenin tal-pjan ta' rkupru tal-impriża ewlenija	**0010**	
2. Miżuri li jkollhom impatt fuq it-TCB f'konformità mal-għażliet ta' rkupru mfassla mill-impriża prinċipali tiegħek, f'konformità mal-Artikolu 48k(2), il-punt (d) tad-Direttiva 2013/36/UE Jekk jogħġbok agħti d-dettalji li ġejjin: — Sommarju tal-għażliet ta' rkupru li jkollhom impatt fuq it-TCB. — Għal kull għażla ta' rkupru, kwantifikazzjoni tal-impatt tagħha fuq it-TCB f'termini ta' kapital, likwidità, assi & obbligazzjonijiet u profitt & telf.	**0020**	

H 07.00 — Strateġija tan-negozju fir-rigward tat-TCBs

Impriża ewlenija:

Iġbor fil-qosor il-karatteristiċi ewlenin tal-istrateġija tan-negozju tal-impriża ewlenija fir-rigward tat-TCB.	**0010**	